TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 246/12-F

**Stefan Sacco**

**vs**

**Marcel Grech eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Telecom Electronics Ltd.**

Illum 21 ta' Mejju, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-25 ta' Settembru, 2012 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mija u sitta w għoxrin ewro (€126), rappreżentanti prezz ta' *mobile phone* li ma baqax jaħdem

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub u kkonferma bil-ġurament, illi huwa kien xtara *mobile phone* għall-prezz ta' mija u dsatax-il ewro (€119), u wara ftit ma bediex jaħdem sewwa. Illi minkejja li ħadu għand l-intimat diversi drabi sabiex jissewwa, dan xorta ma baqax jaħdem.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta.

Kif ukoll it-Tribunal jinnota li sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti, jikkonsidra li l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibbli u aċċettabbli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament, u jordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mija u dsatax-il ewro (€119), u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat, u b'dan illi l-*mobile phone* jiġi propjeta' tal-intimat wara li jsir il-ħlas.

Avv Martin Fenech
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888